# DAWRA KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (29)

JOSEPH SERRACINO/serracinoj@gmail.com



L-aħħar sit storiku li tkellimna fuqu l-ġimgħa l-oħra kien id-Dwana l-Antika. Illum inkomplu telgħin lejn il-Breakwater, u l-ewwel sit li niltaqgħu miegħu hekk kif naqbżu l-Mina tal-Batterija ta' Lascaris hu l-Knisja ta' Liesse li dwarha se ngħid xi ħaġa wkoll.

## IL-KNISJA TAL-LIESSE

Daqs 50 metru 'l fuq mill-Batterija ta' Lascaris insibu l-knisja żgħira ddedikata lill-Madonna tal-Liesse li fiż-żmien il-ħakma tal-Ordni kienet il-Knisja Nazzjonali tal-kavallieri Franċiżi. Din il-knisja ħelwa, b'kampnar wieħed, inbniet fl-1620 bi flus il-Balliju Fra Giacomo de Chess du Bellay, fi żmien it-tmexxija tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1601–1622) li kien attenda għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tagħha flimkien mad-dinjitarji u l-kavallieri tal-Ordni. Fl-1740 din il-knisja kienet inbniet mill-ġdid mill-kavallieri Franċiżi fuq pjanta tal-perit Malti Francesco Zammit u ġiet imbierka minn Mons. Isqof Bartolomeo Rull. Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Vincenzo Labini fit-23 ta' Novembru 1806. Fiha nsibu tliet artali, wieħed tal-Madonna tal-Ferħ, ieħor ta' San Luwiġi – Re ta' Franza u l-ieħor ta' San Mawru abbati.

Interessanti hu l-fatt li fil-qalba tas-Seklu 17 quddiem din il-knisja kien hemm il-Pixkerija (suq tal-ħut) u f'nofsha, fuq pedestall għoli, kien hemm l-istatwa ta' Nettuno, li fl-1859 tneħħiet u ttieħdet fil-bitħa tal-palazz fejn wara saret magħrufa bħala l-Ġgant tal-Palazz.

Tagħrif interessanti ħafna li jwasslulna l-istoriċi tagħna dwar żewġ persuni distinti li kellhom konnessjoni kemmxejn differenti ma' din il-knisja huwa dwar Karlu Ludovico u William England.

Il-Princep Karlu, Duka ta' Orleans, ħu r-Re Filippu ta' Franza miet f'Malta fid-29 ta' Mejju 1808 u xtaq li qalbu jidfnuha f'din il-knisja. Il-kadavru tiegħu ġie midfun għoxrin sena wara fil-kappella ta' Franza fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-1818.

William England, konslu Ingliż wasal f'Malta f'jum il-festa titulari ta' din il-knisja. Mistagħġeb bit-tiżjin tal-knisja u bl-entużjażmu tan-nies, daħal fil-knisja, u hekk kif sema' l-kant u l-mużika tnisslet fih ix-xewqa tal-konverżjoni.

Kif nafu ma' dan it-titlu tal-Madonna hemm marbuta storja ħelwa li tgħid hekk:

Tliet kavallieri Franċiżi nqabdu lsiera mis-Sultan tal-Eġittu. Fil-ħabs kienet iżżurhom bil-moħbi bintu l-Prinċipessa Ismerija, li ħerqana li ssir taf dwar il-ħajja tal-Madonna xtaqet li jkollha xbieha tagħha. Wieħed mill-kavallieri talabha zokk ta' siġra u beda jiskolpixxi xbieha tal-Verġni Mqaddsa, iżda peress li kien daħal il-lejl qatagħha li jkompliha l-għada fil-għodu. B'għaġeb kbir fuqhom, meta qamu, sabu li z-zokk kien skolpit fi xbieha sabiħa tal-Madonna.

## IL-VICTORIA GATE

Il-mina ewlenija li minnha tgħaddi biex tidħol fil-Belt Velletta min-naħa tax-Xatt hija dik tal-Vitoria. Ċertament li din il-mina, meqjusa bħala l-isbaħ bieb li għandna fil-Belt tagħna, inbniet fiż-żmien il-ħakma Ingliża fl-1884 fuq il-pjanta tal-Perit Malti Emmanule Galizia u ssemmiet għar-Reġina Vittoria tal-Ingilterra. L-ewwel ġebla ta' din il-mina tqiegħdet mill-Gvernatur Arthur Borton fl-1884 u tlestiet fiż-żmien sena (1885). F'dik l-epoka, dawn in-naħat kienu ffrekwentati ħafna min-nies tal-Belt minħabba żieda kbira fix-xogħol li kienet tiġġenera l-attività marittima fil-Port il-Kbir.

Qabilha kien hemm bieb ieħor li kien jismu Porta del Monte (1569) imsemmi għall-Gran Mastru Pietro del Monte (1568 – 1572) u li sar fi żmienu, iżda wara kien sar magħruf bħala Porta della Marina peress li kien l-uniku bieb fil-Belt Velletta li minnu toħroġ għax-Xatt. Ftit metri 'l isfel minnha kien hemm ġnien sabieħ magħruf bħala Ġnien is-Sultan.

Bejn l-2009 u l-2010 sar xogħol ta' restawr fuqu, tisbiħ ta' pavamenti u tindif madwaru.

## IL-BARRAKKA T'ISFEL

Dan il-ġnien pubbliku fuq in-naħa ta' isfel fil-belt kapitali, qrib ħafna ċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, u tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-Forti Sant' Jiermu, huwa l-post ideali biex tiġbed sett ritratti b'xeni mill-isbaħ tal-Port il-Kbir, kif ukoll iġġib taħtek il-Break Water (1903) li ħafna jqisuh bħala l-akbar biċċa xogħol ambizzjuża li saret mill-Ingliżi fil-bidu tas-seklu l-ieħor. F'dan il-ġnien pubbliku nsibu l-Monument ta' Sir John Alexander Ball, maħdum fi stil Doriku u li kien qam madwar £700.

F'dan il-ġnien isibu wkoll numru ta' lapidi kommemorattivi fosthom tar-rivoluzzjoni tal-Ungerija (1956), ta' Giuseppe Garibaldi u tal-50 aniversarju tal-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li Sir John Alexander Ball kien l-ewwel Kummissarju Ċivili ta' Malta, u li fl-imblokk tal-Franċiżi (1798) kien inħatar bħala l-mexxej ewlieni tal-Maltin.

## IL-MONUMENT TAL-QANPIENA

Dan il-monument kbir mibni fl-1992 fuq is-swar li jagħtu għal fuq il-Port il-Kbir, u li jinsab ftit metri 'l bogħod mill-Barrakka ta' Isfel huwa mafkar ħaj li jfakkarna fil-qalbiena li ssieltu għal Malta tagħna tul l-aħħar gwerra (1939 – 1945). Il-perm ta' dan il-monument hu qanpiena kbira li saret fl-Ingilterra u li tindaqq kuljum f'nofsinhar bħala tislima lil dawn il-qalbiena. L-iskrizzjoni tal-lapida kommemorattiva tgħid hekk:

"Din il-qanpiena ddoqq b'tifkira ta' dawk li taw ħajjithom tul l-Assedju ta' Malta 1940 – 1942."

## IS-SAGRA INFERMERIA

Dan il-bini kbir, qrib il-Forti San Jiermu nbeda fl-1574 fiż-żmien il-Gran Mastru Jean de la Cassiere (1572 – 1571). Tlesta erba' snin wara (1578) u beda jintuża bħala Sptar tal-Ordni. Fl-1712 dan l-isptar kien meqjus bħala l-aqwa sptar ta' żmienu fl-Ewropa. Fiż-żmien il-ħakma Franċiża, dan il-bini kompla jintuża bħala sptar militari u saru xi alterazzjonijiet fih. Jingħad li meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi, f'dan l-isptar kienu tnaqqsu drastikament il-mediċini, il-laħam u l-frott. Fiż-żmien l-Ingliżi kompla l-użu tiegħu bħala sptar, iżda wara l-Ewwel Gwerra Dinjija mill-1918 sal-1940 kien jintuża bħala l-Kwartieri tal-Pulizija.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, dan il-post kien sar Mess għall-Uffiċjali Ngliżi u kien ukoll ċinema tas-servizzi Ngliżi f'Malta. Wara l-gwerra, mill-ġdid għadda f'idejn il-Pulizija. Kien hemm żmien ukoll li beda jintuża bħala ċentru tal- eżamijiet – fil-fatt fl-1959 jien kont għamilt l-eżami għall-*apprentice* għat-Tarzna fih.

Bejn l-1959 sa nofs is-Snin 70 dan il-bini kien abbandunat, iżda l-gvern Laburista ta' dak iż-żmien kien ikkonvertih f'Ċentru ta' Konferenzi. Kien inawgurat fil-11 ta' Frar 1979, u ngħata l-unur Europa Nostra Diploma of Merit għar-restawr tiegħu. Minn dak iż-żmien 'l quddiem dan il-bini, bi storja kbira taħt tliet ħakmiet differenti, beda jintuża għal attivitajiet kulturali. Niftakar, l-ewwel rappreżentazzjoni mużikali kbira li saret fih kienet il-Rock Opera famuża "Ġensna" li fiha kienu ħadu sehem l-aqwa kantanti ta' dik l-epoka.

Preżentament, dan il-kumpless li fl-antik kien magħruf bħala l-Knights Hall, qed iservi lin-nazzjon bħala Ċentru għall-Konferenżi, u matul is-sena jittellgħu fih diversi attivitaji-

*(tissokta l-ġimgħa d-dieħla)*

